# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 59

Data tal-laqgħa: 20 ta' Novembru, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta,* 20 ta' *Novembru 2018 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci 6:45p.m. |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat (Skużata) |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.35p.m. billi ntqalet it-talba.

**59/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**59/01/01** Ma kienx hemm.

**59/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 58**

**59/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**59/02/02** **Para 58/02/02:** Is-Sindku qal li l-*Bus Stop* ta' Triq Stiefnu Żerafa mar lura fil-post oriġinali tiegħu.

**59/02/03** **Para 58/02/03:** Is-Sindku spjega li meta l-librerija tmur lura fi Triq San Bartilmew nipprovaw li kif qal is-Sur Mark Azzopardi tissemma': Librerija Guido Tanti.

**59/02/04** **Para 58/02/08:** Is-Sindku qal li s-Sur Salvu Fenech dalwaqt jibda x-xogħol fuq is-saqaf ġdid għal gazebo ta' Ġnien il-Paċi.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**59/02/05** **Para 58/02/09:** Is-Sindku qal li kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sur Christopher Fenech għamlu kuntatt ma' Sur Sebio Aquilina (Audiovisual Production) rigward ir-ritratti li ħa jintużaw għal *information panel* li ħa ssir f'Misraħ il-Knisja. Is-Sur Aquilina provdilna erba' ritratti. Għaldaqstant, dalwaqt jibda x-xogħol fuq l-*information panel*.

**59/02/06** **Para 58/02/10:** Is-Sindku spjega li għada ħa jkun hemm laqgħa mal-Perit u mar-Road Servicing Ltd.

**59/02/07** **Para 58/02/14:** Is-Sindku qal li l-kaxex tal-parkeġġ fi Triq Karmnu Zarb li kellhom jinżlu ftit l-isfel għadhom ma sarux.

**59/02/08** **Para 58/02/16:** Is-Sindku spjega li l-*fence* u *welding* li kellu jagħmel il-Muzzan fi Triq Għaxqet l-Għajn għadha pendenti.

**59/02/09** **Para 58/02/17:** Is-Sindku qal li ħaddiema tal-ELC żabru l-*bougainvillea* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu u s-siġra li hemm faċċata ta' Sqaq numru 3 fi Triq Mons. Luigi Catania.

**59/02/10** **Para 58/02/24:** Is-Sindku spjega li l-grada ġdida fi Ġnien il-Paċi għadha pendenti.

**59/02/11** **Para 58/03/04:** Is-Sindku qal li ħajt tal-kamra tal-ħaddiema fi Triq Stiefnu Zerafa tranġa.

**59/02/12** **Para 58/03/05:** Is-Sindku spjega li ż-żewġ *bollards* tal-plastik li għandhom jeħlu quddiem garaxx fi Triq il-Kbira peress li resident għandu problema biex jidħol u joħroġ mill-garaxx meta jipparkjawlu quddiem il-bieb għadhom ma sarux.

**59/02/13** **Para 58/03/06:** Is-Sindku qal li *double yellow line* temporanju fi Triq Dun S. Zarb fejn qed isir xogħol ta' kostruzzjoni sar.

**59/02/14** **Para 58/03/09:** Is-Sindku spjega li f'kull lokalità numru ta' parkeġġi qed jiġu allokati minn TM għal *car sharing system*. Is-Sur Mark Azzopardi żid jgħid li diġà hawn problema biex issib fejn tipparkja. Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment li jsir pakeġġ biex jintuża għal *car sharing system* fejn l-Oratorju. Il-Kunsill qabel unanimament.

**59/02/15** **Para 58/03/11:** Is-Sindku qal li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill ħa tkun fid-19 ta' Diċembru.

**59/02/16** **Para 58/03/14:** Is-Sindku spjega li fis-27 t'Ottubru madwar 200 ruħ ingħataw it-titqiba kontra l-influwenza.

**59/02/17** **Para 58/05/04:** Is-Sindku nforma li waslet ittra min-naħa ta' SE tar-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsill qabel li kif jitlesta x-xogħol ta' restawr tal-*Victoria Lines*, iż-żamma u l-manutenzjoni tagħhom ħa taqa' taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsill qabel unanimament.

**59/02/18** **Para 58/05/07:** Is-Sindku qal li toqob li ħa jsiru fi Triq San Ġwann, Triq San Bert u Triq Għaxqet l-Għajn (ħdejn id-Duluri) għadhom pendenti.

**59/02/19** **Para 58/05/14:** Is-Sindku nforma li għada l-Perit tal-Kunsill ħa jmur *site-visit* peress li mit-triq/bankina qed jidħol ħafna ilma f'residenza fi Triq Stiefnu Zerafa.

**59/02/20** **Para 58/05/22:** Is-Sindku spjega li l-Avukat appella d-deċizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi meħuda fid-9 t'Ottubru, 2018 peress li t-talba tagħna għal devoluzzjoni tal-fond numru 27 fi Triq San Bartilmew ma ġietx milqugħa.

**59/02/21** **Para 58/05/24:** Is-Sindku nforma li l-ħofor li hemm fi Sqaq fi Triq il-Ġnien ħa jimtlew bil-konkos.

**59/02/22** **Para 58/05/25:** Is-Sindku qal li t-tabella biex ma jarmux żibel viċin il-ground tal-football saret.

**59/02/23** **Para 58/05/30:** Is-Sindku nforma li t-tabella ġdida No heavy vehicles / No trucks fi Sqaq Rużarju saret.

**59/02/24** **Para 58/05/34:** Is-Sindku spjega li *double yellow line* li kellu jsir quddiem residenza fi Sqaq Ħofra sar.

**59/02/25** **Para 58/05/36:** Is-Sindku qal li l-ħaddiema tagħna ħa jagħmlu kanal żgħir fejn joqgħod l-ilma fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**59/02/26** **Para 58/05/38:** Is-Sindku nforma li l-librerija miftuħa li ħa ssir fi Ġnien il-Paċi bħalissa qeda tinħadem.

**59/02/27** **Para 58/05/40:** Is-Sindku spjega li l-istrixxi taz-*zebra crossing* fi toroq prinċipali li ħa jsiru ħomor u bojod għadhom pendenti.

**59/02/28** **Para 58/05/41:** Is-Sindku qal li *central strips* li ħa jiġu miżbugħa ħomor għadhom pendenti.

**59/02/29** **Para 58/05/42:** Is-Sindku nforma li t-tabelli li ssuġġerixxi s-Sur Fenech li jinbidlu għadhom pendenti.

**59/02/30** **Para 58/05/43:** Is-Sindku qal li xogħol sabiex parti mill-isqaq ta' ħdejn il-ground tal-football isir bil-konkos għadu pendenti.

**59/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**59/03/01** Daħal suġġeriment li fil-fuljett ta' Marzu jkun hemm spazju għal intervista ma' Sa. Nicolette Aquilina li hija l-ewwel 'deaf adoptive mother' ta' tifel minn barra. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment. Is-Sur Christopher Fenech qal li din issemmiet fil-laqgħa ta' Settembru meta hu kien assenti u li qatt ma reġgħet issemmiet fil-laqgħat ta' wara.

**59/03/02** Is-Sur Aquilina spjega li bil-fomm ġejna nfurmati li Bord tal-Gvernaturi ħa żball u li l-fond numru 27 fi Triq San Bartilmew ħa jiġi devolut lil Kunsill. Dan wara li saret pressjoni

mis-Sindku, mis-Sur Christopher Fenech u mis-Sur Carl Grech. Kien hemm qbil unanimu li nistennew konferma bil-miktub.

**59/03/03** Is-Sur Aquilina nforma li x-xogħol fi Sqaq ix-Xgħajrat jinsab fl-aħħar fażi.

**59/03/04** Is-Sur Aquilina qal li rċieva bosta kummenti pożittivi fuq it-*traffic lights* ta' Triq il-Ġnien.

**59/03/05** Is-Sur Aquilina spjega li kellu laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann rigward permess ta' GP Borg fi Triq tal-Balal li konna oġġezzjonajna fuqu. GP Borg irid jagħti €260,000 sabiex jinqasmu bejn iż-żewġ Kunsilli Lokali. Ġie deċiż li kull Kunsill jieħu €130,000. Is-Sindku ppropona li ssir it-triq ta' bejn il-*bollards* fi Triq Għaxqet l-Għajn. Fil-ġimgħat li ġejjin ħa jsir kuntratt bejn GP Borg u l-Kunsill u x-xogħol kollu ħa jsir minn GP Borg stess. Il-Kunsill qabel unanimament. Ser isir kuntatt ukoll mad-DLG u PA biex naraw kif ser jahdem dan il-ftehim.

**59/03/06** Is-Sur Aquilina staqsa lill-Kunsillieri x'jaħsbu fuq il-fanal LED il-ġdid. Is-Sur Mario Gauci ppropona li d-dawl tal-bozza jkun *warm white* peress li l-fanali qegħdin fil-qalba tar-raħal. Kien hemm qbil unanimu.

**59/03/07** Is-Sur Aquilina nforma li saret laqgħa mas-Sur Fredrick Azzopardi, flimkien miegħu attendew is-Sur Christopher Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv. Hu qal li l-proġett ta' Triq tal-Balal kellu jkun lest sal-aħħar ta' Novembru imma waqa' lura minħabba l-maltemp. Is-Sur Fenech spjega li s-Sur Azzopardi nformana li diffiċli jkun hemm ħruġ adegwat peress li hemm it-triq tal-Madliena. Barra minn hekk, kien hemm diskussjoni fuq it-toroq li nixtiequ li jsiru. Is-Sur Fenech semma' Sqaq Santa Marija taz-Zellieqa, Triq Santa Katerina u Triq in-Naxxar.

**59/03/08** Is-Sur Aquilina qal li l-kumpanija Benna (Malta Dairy Products Ltd.) jixtiequ jerġgħu jagħmlu l-Milk Fest. Is-Sur Christopher Fenech ippropona li jsir appuntament ma' Segretarju Parlamentari l-Onor. Clint Camilleri forsi joffri xi għajnuna. Is-Sur Mario Gauci nforma li l-Milk Fest dejjem saret mill-Ministeru. Kien hem qbil li nuru l-interess biex din l-attivita terga titella u nitolbu l-ghajnuna tal-Ministeru.

**59/03/09** Is-Sur Aquilina nforma li l-Party tal-Milied organizzat mis-Sotto Kumitat Qasam Soċjali ħa jsir fl-20 ta' Diċembru u l-Mixja sal-Għar ħa ssir fil-21 ta' Diċembru.

**59/03/10** Is-Sur Aquilina spjega li saret laqgħa ma' Transport Malta fuq il-venda u li għaliha attendew hu, s-Segretarju Eżekuttiv u 3 residenti li joqgħodu fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. It-3 residenti ssuġġerew li l-venda tmur fi Triq San Ġwann ħdejn ir-roundabout tal-Maurice. Il-Kunsill ma laqax din it-talba u reġa' qabel li l-aħjar soluzzjoni tkun li l-karozzi tal-linja jibdew jiġu fil-ħin u jibqgħu għaddejjin. Is-Sur Gauci qal li kien infurmat minn TM li l-karozzi tal-linja jistgħu jitfuhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt il-laqgħa saqsiet jekk il-karozzi tal-linja jistawx jintfew u r-risposta kienet le. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sur Gauci biex jgħidilha lil min kellem minn Transport Malta. Is-Sur Christopher Fenech qal li jekk il-karozzi tal-linja jistgħu jitfuhom il-venda għandha tibqa' hemm għax jekk jibqgħu għaddejjin ħa jintilef il-ħin bħalma ġara Santa Luċija. Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil Transport Malta.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**59/03/11** Is-Sur Aquilina talab li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità trid issir f' Diċembru.

**59/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**59/04/01** Ma kienx hemm.

**59/05 Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart (Lulju – Settembru)**

**59/05/01** Is-Sindku Ġiljan Aquilina ppreżenta r-rapport finanzjarju għall-perjodu Lulju – Settembru 2018. Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**59/06 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**59/06/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority*.

**59/06/02** Il-Kunsill irċieva quotation mingħand Smart Light Systems għal 20 Watt LED spot in aluminum housing, solar powered independent unit. Is-Sur Christopher Fenech ippropona li ssir waħda ħdejn iz-*zebra crossing* ta' Triq Stiefnu Zerafa u waħda ħdejn iz-*zebra crossing* fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**59/06/03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur John Camilleri riġward ktieb *Encounters with Valletta A baroque City Through The Ages* u li jinbiegħ €80. Il-flus li jidħlu mill-bejgħ tiegħu imorru kollha għal Malta Community Chest Fund Foundation. Il-Kunsill qabel li nixtru dan il-ktieb.

**59/06/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Ċir AKL 2018 / 138 – Ftehim Ħaddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF). Il-Kunsill qabel li jiffirma l-formoli tal-mandat biex ikun parti minn dan il-ftehim. B'dan il-mod l-AKL ser tkun tista' toffri l-assistenza tagħha f'dan ir-rigward u barra minn hekk ikun hemm uniformità fis-sistema u anki tissalvagwardja l-interessi tal-Kunsill filwaqt li tħares l-interessi tal-ħaddiema kkonċernati.

**59/06/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*. Il-Kunsill talab iktar informazzjoni rigward dan il-permess PA /09660/18 [Change of use from garage for private cars to public service garage. Pierre D. Ciappara, Garage No. 1, underlying 25, Tiana, Triq San Ġwann, Għargħur].

**59/06/06** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Tommy Debono fejn infurmana li t-tarf tal-crash barrier jista' jiġi mdawwar mal-koxxa tal-knisja biex jgħati aktar protezzjoni lill-faċċata, basta ma toħroġx iktar mill-burdura ta' isfel. L-istess għan-naħa l-oħra, tista' titwaħħal bollard tal-ħadid għal protezzjoni qabel il-koxxa, basta din ma toħroġx iktar mill-burdura. Kien hemm qbil unanimu li nġibu stima għal *crash barrier* u l-*bollard* tal-ħadid.

**59/06/07** Il-Kunsill irċieva stima mingħand il-Muzzan għal *railing* bil-*galvanizing* [€200] u 2 pjanċi [€180]. Il-Kunsill qabel unanimament.

**59/06/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Jeanne Borg – Ċirkulari Numru 10/2018 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2019.

**59/06/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*. Kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni fuq il-permess PA/09550/18 [Changes to Summit Sheep Farm , Class 5A – (light industry), Għargħur , including construction of new basement to allow more for a more acceptable layout for cheese production, farm inclusive of cheese-let production previously approved under PA 2806/17. Matthew Sammut, Summit Sheep Farm, Lane off Triq Għaxqet l-Għajn c/w Triq Għaxqet l-Għajn, Għargħur] għax l-art ODZ.

**59/06/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Jeanne Borg – Avviżi 1,349 sa 1,357 fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 20,090 tal-lum, 16.11.2018 – Numri ġodda ta' bibien.

**59/06/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza stima minn Andrew Vassallo Ltd għal cast iron gratings class C250 size 700 x 700 (internal) total: €201.89.

**59/06/12** Fuq it-talba għal-*litter bin* man-naħa tal-iskola fi Triq San Bartilmew k/m Triq San Ġwann. Il-Kunsill innota li ma tistax tpoġġi bin qrib bank fejn ipoġġu n-nies. Barra minn hekk, il-Kunsill qabel li l-*bin* ta' ħdejn il-latrina fi Triq San Ġwann għandu jinqala' u jeħel bejn il-*bus shelter* u l-ATM.

**59/06/13** Fuq it-talba ta' resident għal *bollards* fi Triq il-Ġdida ħdejn dar numru 19. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġa' hemm it-tabelli li juru li t-triq dejqa.

**59/06/14** Talba għal bins ħdejn il-Każin tal-Banda. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li jsir bin tar-riċiklaġġ u bin tas-sigaretti. Il-Kunsill qabel unanimament.

**59/06/15** Talba għal *Sleeping Police* fil-biċċa d-dejqa ta' Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill innota li fi Triq l-Indipendenza diġà hemm żewġ *Sleeping Police.*

**59/06/16** Fuq it-talba għal mera fi Triq il-Ġnien faċċata tar-rampa (fuq wara tal-Palazz tal-Kmand). Il-Kunsill innota li diġà hemm waħda.

**59/06/17** Fuq it-talba għar-*rubber hump* fi Triq il-Ġnien ftit qabel ma tasal għar-rampa (fuq wara tal-Palazz tal-Kmand). Il-Kunsill qabel li ma hemmx għalfejn issir peress li issa s-sistema ta' *traffic lights* fi Triq il-Ġnien bdiet taħdem.

**59/06/18** Talba biex Sqaq iċ-Ċawl isir bit-*tarmac*. Il-Kunsill innota li dan is-Sqaq ħa jsir permezz ta' Miżura 4.3.

**59/06/19** Talba biex il-*bollards* ta' Triq San Ġwann jersqu iktar in-naħa ta' Torri. Il-Kunsill innota li dawn saru minn Transport Malta.

**59/06/20** Fuq it-talba għal *Sleeping Police* fi Triq Santa Katerina lejn il-kmamar tan-nar. Il-Kunsill innota li f'din it-triq diġà hemm waħda.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**59/06/21** Fuq it-talba għal *double yellow line* quddiem ir-residenza ta ta' ħdejh għax ma jistax jidħol u joħroġ mill-garaxx minħabba li jipparkjaw qrib tal-entratura tal-garaxx. Kien hemm qbil unanimu li meta joħroġ mill-garaxx jikser fuq ix-xelluġ biex ma jinqatax il-parkeġġ.

**59/06/22** Talba għal Traffic Lights fi Triq Birguma. Il-Kunsill innota li din it-triq tagħmel man-Naxxar.

**59/06/23** Talba għal kaxxa safra quddiem il-garaxx u *double yellow line* quddiem il-bieb 'Lion's Den' fi Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil unanimu li issir *site-visit*.

**59/06/24** Rigward ilment biex il-*bougainvillea* li tinsab fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu titneħħa. Kien hemm qbil li niktbu lis-Sid biex jiżbor din is-siġra ta' spiss jew ineħħiha. Inkella nibdew nibagħtu l-kontijiet tax-xogħol apparti li nżommu lilu responsabbli.

**59/06/25** Talba għal isem ta' triq fin-naħa t'isfel ta' Triq il-Kbira. Kien hemm qbil unanimu li issir *site-visit*.

**59/06/26** Talba ghal bins fi Triq Caravaggio. Din ir-residenta ssuġġerit li wieħed minnhom isir ħdejn id-dog bin li qiegħed fi Triq Caravaggio kantuniera ma' Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax kull darba jispiċċaw miżbla.

**59/06/27** Is-Sur Mario Gauci nforma li l-kuntrattur tal-knis mhux iżomm mal-iskeda u li meta jaqta' l-ħaxix ma jiġbrux. Il-Segretarju Eżekuttiv ħa tiġbidlu l-attenzjoni.

**59/06/28** Is-Sur Mario Gauci spjega li għandha ssir pressjoni biex il-*boundary wall* ta' Triq San Bartilmew k/m Triq l-Isqof Gargallo jersaq 'il-ġewwa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**59/06/29** Is-Sindku talab li jinqata' l-ħaxix għax reġa' kiber. Il-Kunsill qabel unanimament.

**59/06/30** Is-Sur Mark Azzopardi talab li l-Wi-Fi tal-MCA li jinsab fi Ġnien il-Paċi u f'Misraħ il-Knisja jitranga darba għal dejjem. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil MCA.

**59/06/31** Is-Sur Carl Grech għamel mal-Onor. Clifton Grima u jinsab infurmat li beda l-proċess biex il-*ground* ta' Xwieki jittieħed mingħand B'Kara St. Joseph. Is-Sur Grech innota li huwa process twil.

**59/06/32** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li fi tarf ta' Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Triq il-Ġnien) issir Cat Café. Il-Kunsill qabel li naraw fejn hemm minnhom u kif taħdem is-sistema.

**59/06/33** Is-Sur Christopher Fenech talab li l-bankina ta' fejn joqgħod is-Sur Carmelo Bezzina ssir bil-konkos mill-Kunsill kif kien qal il-Perit Bezzina għax l-ilma qed jitħolhom ġewwa. Is-Sur Mario Gauci qal li jaqbel li jinghata l-konkos fil-bankina, imma imbaghad ghandu

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

jerga jsir il-madum halli l-bankina tibqa kif inhi illum. Kien hemm qbil unanimu li ngħidu lis-Sur Mario Mallia biex jiġi jara x' l-aħjar li jsir u jgħatina stima.

**59/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**59/07/01** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**59/08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**59/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**59/09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**59/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-08:20p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2018 fis-6:00pm u l-Laqgħa tal-Lokalità ssir fl-istess data fis-7:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**